MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 548/2002

**Avviz numru 548/02DM**

**Sonlit Limited**

**Vs**

**Gordon Ogilvie u Cheryle Ogilvie**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ t’elef, tlett mija u sebghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm4,370.71) dovuta minnhom bhala bilanc ta’ prezz ta’ bejgh u nstallazzjoni ta’ ‘equipment’ ta’ effetti ta’ dawl.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Awissu, 2002, u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' t'elef, tlett mija u sebghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm4,370.71) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-16 ta' Settembru, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------